



## UNJONI EWROPEA

**IL-PARLAMENT EWROPEW**

**IL-KUNSILL**

**Brussell, 12 ta' Lulju 2024  
(OR. en)**

**2023/0049(COD)**

**PE-CONS 13/24**

**MI 142  
ENV 149  
ENT 28  
COMPET 149  
CHIMIE 13  
AGRILEG 71  
IND 68  
CODEC 372**

### **ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

**Suġġett:**           **REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li  
jemenda r-Regolament (UE) 2019/1009 fir-rigward tat-tikkettar diġitali tal-  
prodotti fertilizzanti tal-UE**

**REGOLAMENT (UE) 2024/...**  
**TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

ta' ...

**li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1009**  
**fir-rigward tat-tikkettar diġitali tal-prodotti fertilizzanti tal-UE**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislativ intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>1</sup>,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja<sup>2</sup>,

---

<sup>1</sup> ĠU C 293, 18.8.2023, p. 108.

<sup>2</sup> Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Marzu 2024 (għadha mhijiex ippublikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-deċiżjoni tal-Kunsill ta' ....

Billi:

- (1) L-Anness III tar-Regolament (UE) 2019/1009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>3</sup> jistabbilixxi r-rekwiżiti tat-tikkettar applikabbli għall-prodotti fertilizzanti tal-UE. L-informazzjoni msemmija f'dak l-Anness trid tingħata fuq tikketta fiżika mwaħħla fuq l-imballaġġ jew, għall-elementi tat-tikkettar li ma jistgħux jingħataw fuq it-tikketta minħabba li l-imballaġġ ikun żgħir wisq, fuq fuljett separat li jakkumpanja l-imballaġġ (“tikketta fiżika”), filwaqt li l-prodotti mingħajr imballaġġ ikunu akkumpanjati b'fuljett. Ir-rekwiżiti tat-tikkettar jikkonċernaw parametri relatati mal-effiċjenza agronomika tal-prodotti fertilizzanti tal-UE, bħall-kontenut tan-nutrijenti tagħhom, kif ukoll parametri oħra relatati ma' dawn il-prodotti, bħall-kwantità tagħhom. Ir-rekwiżiti tat-tikkettar ikopru wkoll l-informazzjoni meħtieġa għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent meta jintużaw il-prodotti fertilizzanti tal-UE, bħall-informazzjoni meħtieġa għall-applikazzjoni korretta tad-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE<sup>4</sup> u l-informazzjoni meħtieġa għall-manipulazzjoni u l-użu korretti ta' dawn il-prodotti wara x-xiri, pereżempju informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tal-ħżin.

---

<sup>3</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/1009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi regoli dwar it-tpoġġija għad-dispożizzjoni fis-suq ta' prodotti fertilizzanti tal-UE u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1069/2009 u (KE) Nru 1107/2009 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2003/2003 (ĠU L 170, 25.6.2019, p. 1).

<sup>4</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE tat-12 ta' Diċembru 1991 dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli (ĠU L 375, 31.12.1991, p. 1).

- (2) Jenħtieġ li l-mod kif il-prodotti fertilizzanti tal-UE jiġu ttikkettati f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1009 jiġi adattat skont il-bidliet teknoloġiċi u soċjetali fil-qasam tad-diġitalizzazzjoni. Jenħtieġ li dan isir mingħajr ma jikkomprometti l-kwalità jew l-aċċessibbiltà tal-informazzjoni u bl-għan li tingħata informazzjoni aħjar, filwaqt li jitqiesu l-impatti fuq l-operaturi ekonomiċi u l-utenti aħħarin u l-benefiċċji għalihom.
- (3) L-għoti ta' informazzjoni dwar tikketta f'format diġitali ("tikketta diġitali") għandu benefiċċji ċari. It-tikkettar diġitali jista' jtejjeb il-komunikazzjoni tal-informazzjoni tat-tikkettar kemm billi jevita li t-tikketti fiżiċi jkunu miżgħuda bil-kliem kif ukoll billi jippermetti lill-utenti jużaw bosta għażliet tal-qari li huma disponibbli biss għal formati diġitali, bħat-tkabbir tat-tipa, it-tiftix awtomatiku, loudspeakers jew it-traduzzjoni f'lingwi oħra. Barra minn hekk, it-tikkettar diġitali tal-prodotti fertilizzanti tal-UE jista' jikkontribwixxi għall-progress li għaddej b'rabta mat-trasformazzjoni diġitali u ekoloġika tas-settur agrikolu Ewropew billi jnaqqas l-iskart mill-imballaġġ u jiffaċilita l-obbligi tar-rappurtar tal-bdiewa fejn jidħol l-użu ta' dawn il-prodotti. It-tikkettar diġitali jista' jwassal ukoll għal immaniġġar aktar effiċjenti tal-obbligi tat-tikkettar mill-operaturi ekonomiċi billi jiffaċilita l-aġġornament tal-informazzjoni tat-tikkettar u jippermetti l-għoti ta' informazzjoni aktar immirata lill-utenti. Filwaqt li l-użu ta' tikketti diġitali jista' jegħleb il-limitazzjonijiet tal-ispazju meta mqabbla ma' tikketti fiżiċi billi jippermetti t-traċċar tal-informazzjoni u jista' jnaqqas il-prezzijiet tal-fertilizzanti minħabba l-kostijiet aktar baxxi tat-tikkettar, jenħtieġ li informazzjoni irrelevanti jew li ma tkunx meħtieġa tiġi evitata biex tiġi żgurata l-aħjar kwalità tal-informazzjoni essenzjali għall-utenti. Barra minn hekk, it-tikkettar diġitali jista' jgħin biex jonqsu l-kostijiet tat-tikkettar tul il-katina tal-provvista kollha, peress li t-tikketti tal-prodotti fertilizzanti tal-UE jistgħu jinbidlu wara tranżazzjoni bejn l-operaturi ekonomiċi, qabel ma jaslu għand l-utenti aħħarin.

- (4) Madankollu, it-tikkettar diġitali jista' wkoll iġib miegħu sfidi ġodda. Pereżempju, huwa possibbli li t-tikkettar diġitali ser jidher problemi għall-gruppi vulnerabbli, b'mod partikolari għall-persuni li m'għandhomx ħliet diġitali jew għandhom ħliet diġitali insuffiċjenti, jew li m'għandhomx aċċess jew għandhom aċċess insuffiċjenti għat-tagħmir diġitali meħtieġ biex jinkisbu t-tikketti diġitali, u għall-persuni b'diżabbiltà. It-tikkettar diġitali jista' jagħmilha aktar diffiċli biex daww il-gruppi jaċċessaw faċilment informazzjoni essenzjali dwar l-effiċjenza agrikola tal-prodotti fertilizzanti tal-UE, kif ukoll struzzjonijiet għall-użu sikur u l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali u tal-pjanti u tal-ambjent, u fl-aħħar mill-aħħar ikabbar id-distakk diġitali. Għalhekk, jenħtieġ li t-tikkettar diġitali jiġi introdott fir-Regolament (UE) 2019/1009 taħt ċerti kundizzjonijiet u jenħtieġ li t-tikketti diġitali jkunu jistgħu jinftehmha faċilment u jkunu faċilment aċċessibbli għall-gruppi vulnerabbli u għall-persuni b'diżabbiltà, filwaqt li titqies il-ħtieġa li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali u tal-pjanti u tal-ambjent, kif ukoll il-livell ta' tħejija diġitali, mingħajr ma l-kostijiet jiżdiedu b'mod eċċessiv. Huwa essenzjali li s-sikurezza tal-utenti ma tiġix kompromessa fil-proċess biex it-tikkettar isir aktar faċli għall-utenti b'mezzi diġitali u li jitqiesu l-possibbiltajiet u l-ħliet tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju biex jiddiġitalizzaw it-tikketti.
- (5) Jenħtieġ li l-operaturi ekonomiċi jibqgħu liberi li jagħżlu jekk jixtqux jipprovdu tikketta diġitali jew fiżika. Dan ser jiżgura li huma jkollhom il-flessibbiltà biex jagħżlu l-aktar regoli xierqa għas-sitwazzjoni tagħhom. Hu partikolarment importanti li ma jinħolqux kostijiet mhux ġustifikati għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju li għalihom, minħabba l-volumi jew it-tipi mnaqqsa ta' prodotti fertilizzanti tal-UE li qed jimmaniġġaw, it-tikkettar diġitali jista' jkun diffiċli. Huwa importanti wkoll li jingħata appoġġ fil-forma ta' gwida u programmi ta' taħriġ sabiex dawn l-intrapriżi jkunu jistgħu jżviluppaw il-ħliet u l-kapaċitajiet meħtieġa biex jikkonformaw ma' dan ir-Regolament.

- (6) L-għażla li tingħata tikketta diġitali hi primarjament f'idejn il-manifatturi u l-importaturi responsabbli biex jissodisfaw ir-rekwiżiti tat-tikkettar stabbiliti fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2019/1009. Dan huwa importanti biex jiġi żgurat li jistgħu jieħdu deċiżjonijiet infurmati li jkunu mfassla apposta għall-firxa ta' prodotti u għall-klijenti intenzjonati tagħhom. Madankollu, biex jiġi massimizzat l-użu tat-tikketti diġitali u b'hekk tittejjeb il-komunikazzjoni tal-informazzjoni lill-utenti, jenħtieġ li d-distributuri jkunu jistgħu wkoll jiddiġitalizzaw it-tikketti tal-prodotti fertilizzanti tal-UE li huma jintroduċu fis-suq, abbażi tal-informazzjoni li tingħata mill-manifattur. Jenħtieġ li l-użu tat-tikketti diġitali jiżgura fluss konsistenti ta' informazzjoni preċiża tul il-katina tal-provvista. L-iskala tat-tikkettar diġitali jenħtieġ li tiddependi fuq żewġ fatturi: jekk il-prodotti fertilizzanti tal-UE jkunux disponibbli għall-operaturi ekonomiċi jew għall-utenti aħħarin u jekk il-prodotti jingħatawx f'imballaġġ jew mingħajru.

- (7) L-operaturi ekonomiċi jenħtieġ li jitħallew jipprovdu l-elementi kollha tat-tikkettar imsemmija fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2019/1009 fuq tikketta diġitali biss għall-prodotti fertilizzanti tal-UE furnuti lil operaturi ekonomiċi oħra, f'imballaġġ jew mingħajru. L-użu tat-tikketti diġitali f'każijiet bħal dawn jista' jnaqqas l-iskart u l-kostijiet tat-tikkettar fil-katina tal-provvista. L-importaturi jew id-distributuri ser ikunu jistgħu jwajhlu tikketta fiżika fuq il-prodott fertilizzanti tal-UE direttament bil-lingwi uffiċjali meħtieġa għas-sitwazzjoni speċifika tagħhom. Barra minn hekk, il-kostijiet tat-tikkettar jistgħu jiġu evitati meta l-prodotti fertilizzanti tal-UE jiġu mħallta, imballati jew imballati mill-ġdid, peress li l-prodotti jistgħu jiġu tikkettati b'tikketta fiżika darba biss, qabel ma jaslu għand l-utenti aħħarin. Peress li prodotti bħal dawn jiġu furnuti lill-operaturi ekonomiċi, il-komunikazzjoni tal-informazzjoni lill-utenti aħħarin ma tiġix affettwata meta jintużaw tikketti diġitali biss. Meta l-operaturi ekonomiċi jagħżlu li jipprovdu tikketta fiżika flimkien ma' tikketta diġitali, jenħtieġ li dawn ikunu liberi li jiddeċiedu liema elementi tat-tikkettar għandhom jinkludu f'dik it-tikketta fiżika f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1009.

- (8) It-tikketti fiżiċi jibqgħu mod preferut mill-utenti aħħarin biex jiksbu informazzjoni ewlenija dwar l-użu tal-prodotti fertilizzanti tal-UE għaliex dawn joffru aċċess immedjat u affidabbli għall-informazzjoni billi din titwaħħal mal-imballaġġ. Barra minn hekk, il-maġġoranza l-kbira tal-prodotti fertilizzanti tal-UE disponibbli fis-suq jintużaw minn utenti professjonali, bħall-bdiewa u l-kuntratturi agrikoli. Filwaqt li l-utenti professjonali huma midħla sew tal-prodotti fertilizzanti u spiss jiddependu fuq il-konsulenza għall-pjanijiet tal-fertilizzazzjoni tagħhom, hemm it-tendenza li dawn jagħmlu parti minn gruppi ta' età aktar avvanzata, b'livell aktar baxx ta' ħiliet diġitali u jistgħu jiltaqgħu ma' diffikultajiet biex jaċċessaw it-tikketti diġitali. Barra minn hekk, ir-reġjuni rurali inqas żviluppati jistgħu jkollhom wiċċhom ma' aċċess li jvarja għall-internet fl-għalqa jew fl-azjenda agrikola.



- (9) Meta l-operaturi ekonomiċi jagħżlu tikkettar diġitali għall-prodotti fertilizzanti tal-UE furnuti lill-utenti aħħarin f'imballaġġ, jenħtieġ li jiżguraw li fuq it-tikketta fiżika jkun hemm ukoll sett minimu ta' informazzjoni ewlenija dwar l-effiċjenza agronomika u l-użu tal-prodott. F'dan il-kuntest u fir-rigward ta' regoli oħra speċifiċi għall-prodotti magħmula disponibbli f'imballaġġ, jenħtieġ li l-imballaġġ ma jkunx fih aktar minn 1000 kg f'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 142/2011<sup>5</sup> sabiex jiġi żgurat li kwantitajiet akbar, li tipikament jintużaw f'ambjenti industrijali, jiġu ttrattati b'mod differenti minn imballaġġ li normalment jingħata lill-konsumaturi. Il-prodotti furnuti f'imballaġġ li jaqbeż dan il-limitu jenħtieġ li jitqiesu bħala li ġew furnuti mingħajr imballaġġ għall-finijiet tar-Regolament (UE) 2019/1009. Dan ser jindirizza wkoll l-isfidi li jistgħu jiffaċċaw il-gruppi vulnerabbli. Għalhekk, jenħtieġ li l-informazzjoni speċifika li l-operaturi ekonomiċi għandhom jitħallew jipprovdu fuq it-tikketta diġitali biss tirrifletti l-istat attwali tad-diġitalizzazzjoni tas-soċjetà u s-sitwazzjoni partikolari tal-utenti tal-prodotti fertilizzanti tal-UE u jenħtieġ li tirrikonoxxi d-diversità tal-bażi tal-utenti. Biex l-utenti aħħarin kollha jkunu jistgħu jagħmlu għażliet infurmati qabel ma jixtru l-prodotti fertilizzanti tal-UE u biex jiżguraw il-manipulazzjoni u l-użu sikuri ta' dawn il-prodotti mill-gruppi kollha tal-utenti aħħarin, jenħtieġ li l-informazzjoni tat-tikkettar dwar is-sikurezza u l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali u tal-pjanti u tal-ambjent, kif ukoll l-informazzjoni minima dwar l-effiċjenza agronomika tal-prodotti fertilizzanti tal-UE u dwar il-kontenut u l-użu korrett tagħhom, tingħata dejjem fuq it-tikketta fiżika. It-tikketti diġitali jistgħu jinkludu wkoll informazzjoni dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra relatati mal-proċess tal-produzzjoni, l-impatt ambjentali tal-fertilizzant, inkluż il-proċess tal-produzzjoni tiegħu, u l-effiċjenza agroekoloġika. Ir-Regolament (UE) 2019/1009 jenħtieġ li jindika b'mod ċar liema informazzjoni tista' tingħata b'mod diġitali biss.

---

<sup>5</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 142/2011 tal-25 ta' Frar 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jimplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-verifiki veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi skont dik id-Direttiva (ĠU L 54, 26.2.2011, p. 1).

- (10) Għall-prodotti fertilizzanti tal-UE fornuti mingħajr imballaġġ, l-operaturi ekonomiċi għandhom jipprovdu l-elementi tat-tikkettar f'fuljett, sabiex jiżguraw li, anki mingħajr imballaġġ dirett, l-informazzjoni essenzjali xorta tkun aċċessibbli għall-utent, inkluż dawk neqsin minn ħiliet bażiċi ta' litteriżmu. Il-fuljett, għall-kuntrarju tat-tikketti fiżiċi, m'għandu l-ebda rabta fiżika mal-prodott innifsu u għalhekk ma jagħtix aċċess immedjat għall-informazzjoni rilevanti dwar il-prodott meta jkun qed jiġi mmanipulat. Għalhekk, jenħtieġ li l-fuljett iservi bħala pont bejn il-prodott u l-utent, billi jiżgura li d-dettalji essenzjali ma jintilfux. L-għoti tal-istess elementi tat-tikkettar f'format diġitali jinvolvi aġġustament tal-mod kif tinkiseb l-informazzjoni. Aġġustament bħal dan ikun ġustifikat ladarba r-riskji għall-utenti jiġu indirizzati u mitigati kif xieraq. Jenħtieġ li l-format diġitali jkun flessibbli, armonizzat u aġġornat f'ħin reali, biex jiġi żgurat li l-utenti jkunu jistgħu jaċċessaw l-aktar informazzjoni reċenti. Għalhekk, jenħtieġ li l-operaturi ekonomiċi jitħallew jipprovdu l-elementi kollha tat-tikkettar imsemmija fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2019/1009 fuq tikketta diġitali għall-prodotti fertilizzanti tal-UE fornuti mingħajr imballaġġ biss. Meta l-operaturi ekonomiċi jagħżlu li jipprovdu fuljett flimkien ma' tikketta diġitali, jenħtieġ li dawn ikunu liberi jiddeċiedu liema elementi tat-tikkettar jixtiequ li jinkludu f'dak il-fuljett.
- (11) Biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fost l-operaturi ekonomiċi li jintroduċu prodotti fertilizzanti tal-UE fis-suq, u biex l-utenti aħħarin jiġu protetti meta jimmanipulaw dawn il-prodotti, jenħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti armonizzati għat-tikkettar diġitali.

- (12) Biex jiġi żgurat li l-utenti jirċievu l-elementi kollha meħtieġa tat-tikkettar fuq it-tikketta diġitali u ma jkollhomx bżonn jiġbru l-informazzjoni kemm minn tikketta fiżika kif ukoll minn tikketta diġitali, jenħtieġ li l-operaturi ekonomiċi li jużaw tikketta diġitali jkunu meħtieġa jinkludu kull element tat-tikkettar bħal dan fit-tikketta diġitali, anki jekk dawn ikunu inklużi wkoll fuq it-tikketta fiżika sabiex jiġi żgurat sors wieħed għall-informazzjoni kollha li tkun meħtieġa. Billi l-informazzjoni li tippermetti lill-utenti aħħarin jidentifikaw u jikkuntattjaw lill-manifattur u lill-importatur tal-prodotti fertilizzanti tal-UE hija informazzjoni essenzjali, jenħtieġ li t-tikketti diġitali jinkludu wkoll din l-informazzjoni, peress li din hija meħtieġa biex ikun hemm linja ta' komunikazzjoni diretta biex jissaħħu l-fiduċja u t-trasparenza u jekk tingħata b'mod diġitali ser ikun aktar faċli li tinholq rabta bejn il-prodott u t-tikketta diġitali kif ukoll bejn il-manifattur jew l-importatur u l-utent aħħari. Barra minn hekk, peress li l-prodotti fertilizzanti jiġu introdotti fis-suq ukoll bħala prodotti mhux armonizzati, huwa kruċjali li fuq it-tikketta diġitali titniżżel il-marka CE u kwalunkwe referenza korrispondenti għal korp notifikat, sabiex l-utenti aħħarin ikunu jistgħu jiddeduċu mit-tikketta diġitali waħedha li l-prodott ikun qed jiġi kummerċjalizzat f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1009. Madankollu, biex jiġi ffaċilitat l-aġġornament ta' ċerta informazzjoni li trid tingħata mill-manifatturi, li tinbidel sikwit u li ma tintużax kuljum mill-utenti aħħarin, b'mod partikolari n-numru tal-lott u d-data tal-produzzjoni, jenħtieġ li l-manifatturi jkollhom l-għażla li jipprovdu l-informazzjoni b'mod fiżiku jew diġitali. Din il-flessibbiltà jenħtieġ li twassal għal aġġornamenti aktar rapidi u aktar preċiżi. Jenħtieġ li l-operaturi ekonomiċi jkollhom ukoll l-għażla li ma jinkludux il-kwantità fuq it-tikketta diġitali jekk din tkun ngħatat diġà f'forma fiżika, peress li dak l-element jista' jinbidel tul il-katina tal-provvista jew jista' jvarja ma' kull tranżazzjoni fil-każ ta' prodotti furnuti mingħajr imballaġġ. Ta' min ifakkar li huwa wkoll essenzjali li l-utenti aħħarin ikollhom l-informazzjoni meħtieġa msemmija fir-Regolament (UE) 2023/988 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>6</sup> sabiex ikunu jistgħu jidentifikaw u jikkuntattjaw lill-persuna responsabbli għall-prodotti introdotti fis-suq tal-Unjoni.

---

<sup>6</sup> Ir-Regolament (UE) 2023/988 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 dwar is-sikurezza ġenerali tal-prodotti, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva (UE) 2020/1828 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar id-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kunsill 87/357/KEE (ĠU L 135, 23.5.2023, p. 1).

- (13) Peress li t-tikketti diġitali, bl-istess mod bħat-tikketti fiżiċi, huma mezz kif tingħata l-informazzjoni obbligatorja dwar il-prodotti fertilizzanti tal-UE lill-utenti, jenħtieġ li l-operaturi ekonomiċi jiżguraw aċċess mingħajr ħlas għal tikketta diġitali għal perjodu ta' 10 snin mid-data li l-prodott fertilizzanti tal-UE kkonċernat ikun ġie introdott fis-suq. Barra minn hekk, u sabiex jittejbu l-possibbiltajiet li l-utenti jiksibu l-informazzjoni, jenħtieġ li l-informazzjoni mogħtija fuq it-tikketta diġitali tkun faċilment aċċessibbli għall-utenti aħħarin fl-Unjoni permezz ta' teknoloġiji diġitali użati b'mod mifrux li jkunu kompatibbli mas-sistemi operattivi u l-brawżers ewlenin kollha, jenħtieġ li jiġi żgurat l-aċċess għat-tikketta mingħajr il-bżonn ta' password, reġistrazzjoni jew applikazzjoni speċifika u jenħtieġ li jitqiesu l-ħtiġijiet tal-gruppi vulnerabbli. Jenħtieġ li l-mezz tad-data jwassal direttament għat-tikketta diġitali, mingħajr il-bżonn li ssir reġistrazzjoni minn qabel, li jsir tiftix fuq sit web, li jitniżżlu jew jiġu installati applikazzjonijiet jew li tiddaħħal password, u jenħtieġ li l-aċċess għall-informazzjoni ma jkunx affettwat miż-żona ġeografika fit-territorju tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-operaturi ekonomiċi ma jħalltux l-informazzjoni meħtieġa mir-Regolament (UE) 2019/1009 ma' informazzjoni oħra mhux mitluba minn dak ir-Regolament, bħal dikjarazzjonijiet kummerċjali jew ta' kummerċjalizzazzjoni. Peress li t-tikketti diġitali ma għandhomx limitazzjonijiet ta' spazju li huma tipiċi għat-tikketti fiżiċi li jitwaħħlu mal-imballaġġ, huwa importanti li l-elementi tat-tikkettar previsti f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1009 jinżammu konċentrati f'post wieħed minflok ma jitqiegħdu flimkien ma' informazzjoni oħra li tingħata mill-operaturi ekonomiċi, inkella jkun diffiċli li jinstabu. Biex ikomplu jnaqqsu l-isfidi li l-gruppi vulnerabbli, b'mod partikolari l-persuni b'diżabbiltà, jistgħu jiffaċċaw, jenħtieġ li l-operaturi ekonomiċi jiżguraw ukoll li t-tikketti diġitali jiġu ppreżentati b'mod li jqis il-ħtiġijiet ta' dawn il-gruppi. Fl-istess waqt, il-fatt li t-tikketti diġitali ma għandhomx limitazzjonijiet ta' spazju jagħti wkoll l-opportunità li tingħata informazzjoni addizzjonali dwar l-użu tal-prodott fertilizzanti tal-UE, bħal rakkomandazzjonijiet u l-aħjar prattiki biex jiġi limitat it-telf tan-nutrijenti. Għalhekk, jenħtieġ li l-operaturi ekonomiċi jagħtu tali informazzjoni fit-tikketta diġitali.

- (14) Filwaqt li jitqies kemm l-interess tal-utenti li jkollhom aċċess għal informazzjoni dwar il-prodotti fertilizzanti tal-UE b'ħajja fuq l-ixkaffa relattivament twila kif ukoll l-interess tal-operaturi ekonomiċi li jiġu evitati kostijiet mhux meħtieġa, jenħtieġ li l-operaturi ekonomiċi jiżguraw li t-tikketta diġitali tkun disponibbli għal perjodu ta' 10 snin mid-data li l-prodott fertilizzanti tal-UE jkun ġie introdott fis-suq.
- (15) Biex jonqos kwalunkwe riskju potenzjali li n-nuqqas ta' disponibbiltà tat-tikketta diġitali jista' jikkawża lill-gruppi vulnerabbli, b'mod partikolari fir-rigward tal-prodotti fertilizzanti tal-UE furnuti mingħajr imballaġġ lill-utenti aħħarin, meta l-elementi kollha tat-tikkettar ikunu jistgħu jingħataw b'mod diġitali, jenħtieġ li l-operaturi ekonomiċi jkunu responsabbli li jagħtu l-elementi tat-tikkettar lill-utenti aħħarin b'mezzi alternattivi, meta jintalbu dan. Jenħtieġ li l-utenti aħħarin potenzjali jkollhom id-dritt, irrispettivament minn jekk jixtrux, li jirċievu l-informazzjoni b'mezzi alternattivi sabiex jieħdu deċiżjoni infurmata. Kull meta t-tikketta diġitali ma tkunx disponibbli temporanjament, jenħtieġ li l-informazzjoni tingħata b'mezzi alternattivi anki jekk ma tintalabx. Barra minn hekk, għall-prodotti li jiġu furnuti lill-utenti aħħarin mingħajr imballaġġ u b'tikketta diġitali biss, jenħtieġ li l-informazzjoni tat-tikkettar li tingħata f'konformità mal-Anness III tar-Regolament (UE) 2019/1009 tkun ukoll f'post viżibbli fil-punt tal-bejgħ fil-post tan-negozju. Dak ser jgħin jiżgura li l-utenti aħħarin potenzjali jiġu infurmati kif suppost u jkunu jistgħu jixtru b'mod infurmat. Dan jiżgura wkoll aċċess dirett għall-informazzjoni rilevanti għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali u tal-pjanti u tal-ambjent, bħall-informazzjoni dwar il-kontenut tan-nitroġenu meħtieġ għall-implimentazzjoni tar-regoli nazzjonali li jittrasponu d-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE.

- (16) Ir-rekwiżiti għad-dokumentazzjoni teknika stabbiliti fl-Anness IV tar-Regolament (UE) 2019/1009 jenħtieġ li jiġu aġġustati biex titqies l-introduzzjoni tat-tikketti diġitali. Minħabba n-natura dejjem tevolvi tal-pjattaformi online u l-ħtieġa ta' aċċessibbiltà konsistenti, jenħtieġ li dawk l-aġġustamenti jiġu rieżaminati perġodikament. Barra minn hekk, filwaqt li titqies il-possibbiltà li tingħata biss tikketta diġitali għall-prodotti fertilizzanti tal-UE magħmula disponibbli għal min iħallat, sabiex tiġi ffaċilitata s-sorveljanza tas-suq, jenħtieġ li d-dokumentazzjoni teknika tat-taħlitiet tal-prodotti fertilizzanti tinkludi kampjun tal-informazzjoni mogħtija skont l-Anness III tar-Regolament (UE) 2019/1009 dwar il-prodotti fertilizzanti komponenti tal-UE biex jiġi żgurat li l-partijiet ikkonċernati kollha jifhmu b'mod ċar il-komponenti tal-prodott u l-orijini rispettivi tagħhom.

- (17) Sabiex ir-Regolament (UE) 2019/1009 jinżamm f'konformità mal-progress tekniku, l-evidenza xjentifika ġdida u l-evoluzzjoni tad-diġitalizzazzjoni tas-soċjetà, jenħtieġ li s-setgħa ta' adozzjoni ta' atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea tiġi delegata lill-Kummissjoni biex tkun tista' tissupplimenta r-rekwiżiti għat-tikkettar diġitali u temenda l-Anness III ta' dak ir-Regolament b'rabta ma' liema elementi tat-tikkettar l-operaturi ekonomiċi li jagħmlu l-prodotti fertilizzanti tal-UE disponibbli għall-utenti aħħarin fis-suq f'imballaġġ ikunu jistgħu jagħtu fuq tikketta diġitali biss. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa waqt li l-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti, u li daww il-konsultazzjonijiet isiru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet<sup>7</sup>. Huwa partikolarment importanti wkoll li l-Kummissjoni tqis il-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati kollha matul il-ħidma preparatorja tagħha. B'mod partikolari, biex tkun żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tnejn tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tnejn tal-atti delegati.

---

<sup>7</sup> ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

- (18) Meta tkun qed tistabbilixxi regoli aktar dettaljati dwar it-tikkettar diġitali, jenħtieġ li l-Kummissjoni tagħti attenzjoni partikolari lil regoli oħra tal-Unjoni dwar l-għoti tal-informazzjoni dwar prodotti jew sustanzi u taħlitiet f'format diġitali. Jenħtieġ li jkun possibbli li tiġi aċċessata l-informazzjoni kollha mitluba minn diversi regoli tal-Unjoni fi spazju diġitali wieħed, sabiex l-utenti jkunu jistgħu jaċċessaw faċilment l-informazzjoni kollha meħtieġa. Dak jissimplifika l-esperjenza tal-utenti u jħeġġeġ il-fiduċja f'sorsi diġitali tal-informazzjoni. Barra minn hekk, jagħti interfaċċa aktar komprensiva u faċli għall-utenti, li tippromwovi t-trasparenza għall-konsumaturi u t-teħid ta' deċiżjonijiet infurmati.
- (19) Meta tiġi biex tiddeċiedi liema elementi tat-tikkettar jistgħu jingħataw b'mod diġitali biss mill-operaturi ekonomiċi li jintroduċu l-prodotti fertilizzanti tal-UE fis-suq f'imballaġġ għall-utenti finali, jenħtieġ li l-Kummissjoni tqis il-livell ta' tħejjija diġitali fost l-utenti tal-prodotti fertilizzanti tal-UE u l-ħtieġa li l-użu ta' dawn il-prodotti jibqa' sikur għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali u tal-pjanti u tal-ambjent, kif ukoll il-ħtieġa li tiġi żgurata d-disponibbiltà tat-tikketta diġitali għal perjodu ta' 10 snin mid-data li l-prodott fertilizzanti tal-UE jkun ġie introdott fis-suq. Barra minn hekk, jenħtieġ li tingħata kunsiderazzjoni għall-ambjent diġitali li qed jevolvi, biex jiġi żgurat li t-tikkettar diġitali jibqa' aċċessibbli u faċli għall-utent, skont il-progress teknoloġiku. Huwa kruċjali li jiġi vvalutat il-feedback mill-utenti aħħarin u mill-partijiet ikkonċernati biex jiġi żgurat li s-sistema tat-tikkettar diġitali tissodisfa l-ħtiġijiet tagħhom u tindirizza kwalunkwe tħassib emerġenti.
- (20) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2019/1009 jiġi emendat skont dan.



- (21) Minħabba li dan ir-Regolament jintroduċi l-possibbiltà li r-rekwiżiti tat-tikkettar kollha stabbiliti fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2019/1009 jew parti minnhom jingħataw fuq tikketti diġitali biss, jenħtieġ li l-applikazzjoni tiegħu tiġi diferita biex jingħata biżżejjed żmien għall-iżvilupp tar-rekwiżiti supplimentari li jikkonċernaw it-tikkettar diġitali.
- (22) Minħabba li l-oġettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li titjeb il-leġibbiltà tat-tikketti tal-prodotti fertilizzanti tal-UE u li tiġi ffaċilitata l-ġestjoni ta' dawn it-tikketti mill-operaturi ekonomiċi sabiex jiġi garantit il-funzjonament tas-suq intern, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda jistgħu pjuttost, minħabba l-iskala u l-effetti tagħhom, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jinkisbu dawk l-oġettivi,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

## *Artikolu 1*

Ir-Regolament (UE) 2019/1009 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-punt li ġej:

“(10a) “imballaġġ” tfisser reċipjent sigillabbli li jesa’ sa 1000 kg;”;

(b) jiddaħħal il-punt li ġej:

“(16a) “mezz ta’ *data*” tfisser simbolu ta’ barcode lineari, simbolu bidimensjonali jew mezz ieħor għall-ġbir awtomatiku tad-*data* ta’ identifikazzjoni li jkun jista’ jinqara minn tagħmir;”;

(2) l-Artikolu 6 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 5, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“L-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tingħata b’mod fiżiku fuq l-imballaġġ jew fuq id-dokument ta’ akkumpanjament, b’mod diġitali, jew it-tnejn li huma. Meta l-informazzjoni tingħata b’mod diġitali, għandhom japplikaw ir-rekwiżiti stabbiliti għat-tikketti diġitali fl-Artikolu 11b u l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 11c.”;

- (b) fil-paragrafu 6, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“L-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tingħata b’mod fiżiku fuq l-imballaġġ jew fuq id-dokument ta’ akkumpanjament jew kemm b’mod fiżiku fuq l-imballaġġ jew fuq id-dokument ta’ akkumpanjament u b’mod diġitali. Meta l-informazzjoni tingħata b’mod diġitali, għandhom japplikaw ir-rekwiżiti stabbiliti għat-tikketti diġitali fl-Artikolu 11b u l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 11c.”;

- (c) il-paragrafu 7 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“7. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li l-prodotti fertilizzanti tal-UE jkunu akkumpanjati bl-elementi tat-tikkettar meħtieġa skont l-Anness III, mogħtija fil-forma rilevanti kif stabbilit fl-Artikolu 11a. Dawk l-elementi tat-tikkettar għandhom ikunu:

- (a) b’lingwaġġ li jista’ jinftehem faċilment mill-utenti aħħarin, kif iddeterminat mill-Istat Membru kkonċernat;
- (b) ċari, jinftehem, preċiżi, intelliġibbli u mqiegħda f’post prominenti fuq l-imballaġġ;
- (c) aċċessibbli għal skopijiet ta’ spezzjoni meta l-prodott fertilizzanti tal-UE jiġi introdott fis-suq.”;

(3) fl-Artikolu 8, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“4. L-importaturi għandhom jiżguraw li l-prodotti fertilizzanti tal-UE jkunu akkumpanjati bl-elementi tat-tikkettar meħtieġa skont l-Anness III, mogħtija fil-forma rilevanti stabbilita fl-Artikolu 11a. Dawk l-elementi tat-tikkettar għandhom ikunu:

- (a) b'lingwaġġ li jista' jinftehem faċilment mill-utenti aħħarin, kif iddeterminat mill-Istat Membru kkonċernat;
- (b) aċċessibbli għal skopijiet ta' spezzjoni meta l-prodott fertilizzanti tal-UE jiġi introdott fis-suq.”;

(4) jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

*“Artikolu 11a*

*Forom tat-tikkettar*

1. Meta l-prodotti fertilizzanti tal-UE jiġu introdotti fis-suq f'imballaġġ għall-operaturi ekonomiċi, dawn għandhom ikunu akkumpanjati bl-elementi tat-tikkettar stabbiliti fl-Anness III fil-forma li ġejja:

- (a) fuq tikketta f'forma diġitali (“tikketta diġitali”); jew
- (b) fuq tikketta f'forma fiżika mwaħħla mal-imballaġġ jew, għall-elementi tat-tikkettar li ma jistgħux jingħataw fuq it-tikketta għax l-imballaġġ ikun żgħir wisq, fuq fuljett separat li jakkumpanja l-imballaġġ (“tikketta fiżika”).

2. Meta l-prodotti fertilizzanti tal-UE jiġu introdotti fis-suq mingħajr imballaġġ għall-operaturi ekonomiċi, dawn għandhom ikunu akkumpanjati bl-elementi tat-tikkettar stabbiliti fl-Anness III fil-forma li ġejja:
  - (a) fuq tikketta diġitali; jew
  - (b) fuq fuljett li jakkumpanja l-prodott fertilizzanti tal-UE.
3. Meta l-prodotti fertilizzanti tal-UE jiġu introdotti fis-suq f'imballaġġ għall-utenti aħħarin, dawn għandhom ikunu akkumpanjati bl-elementi tat-tikkettar stabbiliti fl-Anness III fil-forma li ġejja:
  - (a) fuq tikketta fiżika; jew
  - (b) fuq tikketta diġitali u duplikati fuq tikketta fiżika.

B'deroga mill-punt (b) tal-ewwel subparagrafu, l-elementi tat-tikkettar immarkati b'asterisk fl-Anness III ma għandhomx għalfejn jiġu duplikati fuq it-tikketta fiżika.
4. Meta l-prodotti fertilizzanti tal-UE jiġu introdotti fis-suq mingħajr imballaġġ għall-utenti aħħarin, dawn għandhom ikunu akkumpanjati bl-elementi tat-tikkettar stabbiliti fl-Anness III fil-forma li ġejja:
  - (a) fuq tikketta diġitali; jew
  - (b) fuq fuljett li jakkumpanja l-prodott fertilizzanti tal-UE.

5. Meta l-operaturi ekonomiċi jagħtu tikketta diġitali f'konformità ma' dan l-Artikolu, huma għandhom jiżguraw tikkettar konsistenti fil-każ ta' duplikazzjoni u għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 11b u 11c.

#### *Artikolu 11b*

##### *Rekwiżiti għat-tikketti diġitali*

1. It-tikketta diġitali għandha tinkludi:
  - (a) l-informazzjoni meħtieġa skont l-Artikolu 6(6) **u l-Artikolu 8(3)**;
  - (b) il-markatura CE u, meta applikabbli, in-numru ta' identifikazzjoni tal-korp notifikat, f'konformità mal-Artikoli 17 u 18;
  - (c) l-elementi kollha tat-tikkettar meħtieġa skont l-Anness III, bl-eċċezzjoni tad-data u l-kwantità tal-produzzjoni meta daww l-elementi jkunu ngħataw fuq it-tikketta fiżika.
2. It-tikketta diġitali tista' tinkludi rakkomandazzjonijiet u l-aħjar prattiki biex jintuża l-prodott fertilizzanti tal-UE.
3. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tingħata flimkien f'post wieħed u b'mod separat mill-informazzjoni taħt il-paragrafu 2 u minn kwalunkwe informazzjoni mhux mogħtija skont dan ir-Regolament.

4. It-tikketta diġitali għandha tkun:

- (a) aċċessibbli mingħajr ħlas;
- (b) aċċessibbli faċilment u direttament bis-sistemi operattivi u l-brawżers ewlenin kollha, mingħajr il-bżonn li ssir reġistrazzjoni minn qabel, li jitniżżlu jew jiġu installati applikazzjonijiet jew li tiddaħħal password, u aċċessibbli għall-utenti potenzjali kollha fl-Unjoni;
- (c) tippermetti t-tiftix;
- (d) tkun ippreżentata b'mod li jindirizza wkoll il-ħtiġijiet tal-gruppi vulnerabbli u jappoġġa, kif rilevanti, l-adattamenti meħtieġa biex jiġi ffaċilitat l-aċċess minn dawk il-gruppi, b'mod partikolari dawk magħmulin minn persuni b'diżabbiltà;
- (e) tkun disponibbli għal perjodu ta' 10 snin mid-data li l-prodott fertilizzanti tal-UE kkonċernat ikun ġie introdott fis-suq, inkluż fil-każ ta' insolvenza, likwidazzjoni jew waqfien tal-attività fl-Unjoni tal-operatur ekonomiku li jkun ħoloqha.

Meta t-tikketta diġitali tkun disponibbli b'aktar minn lingwa waħda, l-għażla tal-lingwi ma għandhiex tkun tiddependi fuq il-post ġeografiku.

5. Il-mezz ta' *data* użat għal tikketta diġitali għandu jiġi stampat jew jitqiegħed b'mod fiżiku fuq l-imballaġġ jew, meta l-prodotti fertilizzanti tal-UE jiġu introdotti fis-suq mingħajr imballaġġ, fuq id-dokument jew il-fuljett ta' akkumpanjament, b'mod li jidher fuq barra, li jista' jinqara u li jkun aċċessibbli għall-gruppi vulnerabbli, inkluż il-persuni b'diżabbiltà, u li jippermetti lil dak il-mezz ta' *data* biex jiġi pproċessat b'mod awtomatiku minn tagħmir diġitali.

#### *Artikolu 11c*

##### *Obbligi tal-operaturi ekonomiċi li jagħtu tikketta diġitali*

1. L-operaturi ekonomiċi li jagħtu tikketta diġitali ma għandhomx jitraċċaw, janalizzaw jew jużaw xi informazzjoni dwar l-użu għal finijiet oħra għajr dak li huwa assolutament meħtieġ biex jagħtu l-informazzjoni rilevanti b'mod diġitali.
2. Fuq talba tal-utenti aħħarin u indipendentement minn xirja, jew mingħajr din it-talba meta t-tikketta diġitali ma tkunx disponibbli temporanjament fil-mument tax-xiri, l-operaturi ekonomiċi li jintroduċu prodotti fertilizzanti tal-UE fis-suq għal dawn l-utenti aħħarin għandhom jipprovdu l-informazzjoni inkluża fuq it-tikketta diġitali b'mezzi alternattivi u mingħajr ħlas ;
3. Meta l-prodotti fertilizzanti tal-UE jiġu introdotti fis-suq b'tikketta diġitali f'konformità mal-Artikolu 11a(4), il-punt (a), l-operatur ekonomiku li jfornihom lill-utenti aħħarin għandu jwarrha l-informazzjoni tat-tikkettar imsemmija fl-Artikolu 11b(1) f'post li jidher fil-punt tal-bejgħ.”;



(5) fl-Artikolu 42, jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

“9. Sa ... [l-ewwel jum tax-xahar wara 30 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju], il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 44 biex tissupplimenta l-Artikoli 11b u 11c billi tistabbilixxi rekwiżiti speċifiċi għat-tikkettar diġitali tal-prodotti fertilizzanti tal-UE u l-kundizzjonijiet biex jiġu ssodisfati l-obbligi tal-operaturi ekonomiċi li jagħtu tikketta diġitali. Dawk ir-rekwiżiti għandhom jistabbilixxu, b'mod partikolari, it-tipi ta' soluzzjonijiet tekniċi elettroniċi li l-operaturi ekonomiċi jistgħu jużaw biex jagħtu t-tikketta diġitali, u l-mezzi alternattivi biex jagħtu l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 11c(2). Meta tadotta l-atti delegati, il-Kummissjoni għandha:

- (a) tiżgura l-konsistenza ma' atti rilevanti oħra tal-Unjoni;
- (b) thegħgeġ l-innovazzjoni u l-użu ta' teknoloġija tal-ogħla livell;
- (c) tiżgura n-newtralità teknoloġika billi ma tillimitax l-għażla ta' teknoloġija jew tagħmir, fil-limiti tal-kompatibbiltà u tal-evitar tal-interferenza;
- (d) tiżgura li t-tikkettar diġitali ma jkunx jikkomprometti s-sikurezza tal-utent aħħari u tal-ambjent;
- (e) tiżgura li kwalunkwe modifika tat-tikketta diġitali ma tikkompromettix il-kapaċità tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq biex jivverifikaw il-kontenut tat-tikketta li kien jeżisti qabel dik il-modifika;

- (f) tqis il-livell ta' tħejjija diġitali fost l-utenti aħħarin tal-prodotti fertilizzanti tal-UE;
  - (g) tqis ir-rekwiżit stabbilit f'dan ir-Regolament li l-informazzjoni tingħata għal perjodu ta' 10 snin mid-data li l-prodott fertilizzanti tal-UE jkun ġie introdott fis-suq;
  - (h) tqis it-tisħiħ fil-moviment liberu tal-prodotti fertilizzanti tal-UE fis-suq intern;
  - (i) tqis il-ħtiġijiet u l-kapaċità tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju li jikkonformaw ma' dawn ir-rekwiżiti.
10. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 44 biex temenda l-Anness III, fir-rigward tal-informazzjoni tat-tikkettar li l-operaturi ekonomiċi jagħżlu li jipprovdu fuq tikketta diġitali biss f'konformità mad-deroga stabbilita fl-Artikolu 11a(3), it-tieni subparagrafu, sabiex tadatta dak l-Anness għall-progress tekniku u xjentifiku jew għal-livell ta' tħejjija diġitali fost l-utenti aħħarin tal-prodotti fertilizzanti tal-UE. Meta tadotta dawk l-atti delegati, il-Kummissjoni għandha tqis il-ħtieġa li jiġi żgurati s-sikurezza u livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali u tal-pjanti u tal-ambjent.”;

(6) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

*“Artikolu 49a*

*Evalwazzjoni*

Sa ... [7 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju], il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni tat-tikkettar diġitali tal-prodotti fertilizzanti tal-UE kif introdotta bir-Regolament (UE) 2024/...<sup>+</sup>. Bħala parti minn dik l-evalwazzjoni, hija għandha tivvaluta b'mod partikolari:

- (a) l-impatt tat-tikkettar diġitali tal-prodotti fertilizzanti tal-UE fuq il-funzjonament tajjeb tas-suq intern, il-livell tal-protezzjoni tal-konsumatur u l-impatt tat-tikkettar diġitali tal-prodotti fertilizzanti tal-UE fuq in-negozji, b'mod partikolari l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju;
- (b) l-impatt tal-Artikolu 11a u b'mod partikolari l-punt sa fejn l-operaturi ekonomiċi għażlu li jużaw tikketta diġitali.

Il-Kummissjoni għandha tħejji rapport dwar is-sejbiet ewlenin u tippreżentah lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew. L-Istati Membri għandhom jagħtu lill-Kummissjoni l-informazzjoni meħtieġa biex tħejji dak ir-rapport.

Ir-rapport għandu jkun akkumpanjat, fejn xieraq, bi proposta leġiżlattiva.

---

<sup>+</sup> ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument 2023/0049(COD) u daħħal in-numru, id-data, it-titolu u r-referenza tal-ĠU ta' dak ir-Regolament fin-nota f'qiegħ il-paġna.

---

\* Ir-Regolament (UE) 2024/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1009 fir-rigward tat-tikkettar diġitali tal-prodotti fertilizzanti tal-UE (ĠU L..., ELI: ...).”

- (7) L-Anness III huwa emendat f'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament;
- (8) L-Anness IV huwa emendat f'konformità mal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

## *Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika minn ... [l-ewwel jum tax-xahar wara 30 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi..., ...

*Għall-Parlament Ewropew*  
*Il-President*

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*

## ANNESS I

L-Anness III tar-Regolament (UE) 2019/1009 huwa emendat kif ġej:

(1) il-Parti I hija emendata kif ġej:

(a) il-punt 1 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(d) struzzjonijiet għall-użu maħsub dwar ir-rati, iż-żmien u l-frekwenza għall-applikazzjoni, u l-pjanti jew il-faqqiegħ fil-mira,”;

(ii) jiddaħħal il-punt li ġej:

“(da) struzzjonijiet oħra għall-użu maħsub minbarra dawk elenkati fil-punt (d);\*”;

(iii) il-punt (h) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(h) lista tal-ingredjenti kollha ta' aktar minn 5 % skont il-piż jew il-volum tal-prodott, jew fil-każ ta' prodotti f'forma likwida skont il-piż niexef, f'ordni dekrexxenti ta' kobor;\*”;

(iv) j iżdiedu l-punti li ġejjin:

“(i) identifikazzjoni f’konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 ta’ kwalunkwe ingredjent fil-lista msemmija fil-punt (h) li jkun sustanza jew taħlita;\*

(j) id-denominazzjonijiet tas-CMCs rilevanti kif imsemmija fil-Parti I tal-Anness II għal kull ingredjent elenkat fil-punt (h).\*”;

(v) j iżdied il-paragrafu li ġej:

“Is-sustanzi li jseħħu b’mod naturali jistgħu, minbarra l-informazzjoni mitluba fil-punt (i), jiġu identifikati bl-ismijiet minerali tagħhom.”;

(b) j iżdiedu l-punti li ġejjin:

“12. Meta l-operaturi ekonomiċi jagħtu tikketta diġitali f’konformità mal-Artikolu 11a(1) u (2), il-mezz ta’ *data* użat għal dik it-tikketta diġitali għandu jkun akkumpanjat bit-twissija: "Tikketta fiżika trid tingħata f’konformità mar-Regolament (UE) 2019/1009 qabel ma l-prodott jiġi introdott fis-suq għall-utenti aħħarin f’imballaġġ li jkun fih sa 1000 kg" jew bi twissija simili.

13. Meta l-operaturi ekonomiċi jagħtu tikketta diġitali f'konformità mal-Artikolu 11a(3), it-tieni subparagrafu, il-mezz ta' *data* użat għal dik it-tikketta diġitali għandu jkun akkumpanjat bid-dikjarazzjoni “Informazzjoni aktar komprensiva dwar il-prodott hija disponibbli online. Tista’ titlob lill-fornitur tiegħek jagħti dik l-informazzjoni b’mezzi oħra.” jew b’dikjarazzjoni simili.
14. Meta l-operaturi ekonomiċi jagħtu tikketta diġitali f'konformità mal-Artikolu 11a(4), il-mezz ta' *data* użat għal dik it-tikketta diġitali għandu jkun akkumpanjat bid-dikjarazzjoni "Informazzjoni dwar l-effiċjenza agronomika u l-manipulazzjoni sikura tal-prodott hija disponibbli online". Tista’ titlob lill-fornitur tiegħek jagħti dik l-informazzjoni b’mezzi oħra.” jew b’dikjarazzjoni simili.”;

(2) il-Parti II hija emendata kif ġej:

(a) it-Taqsima “PFC 1(A): FERTILIZZANT ORGANIKU” hija emendata kif ġej:

(i) “fil-punt (d), is-subpunti (v) u (vi) huma sostitwiti b’dan li ġej:

“(v) karbonju organiku ( $C_{org}$ );\*

(vi) materja niexfa;\*”;

- (ii) il-punti (e) u (f) huma sostitwiti b'dan li ġej:
  - “(e) il-proporzjon ta' karbonju organiku għal nitroġenu totali ( $C_{org}/N$ );\*
  - (f) id-data tal-produzzjoni;\*”;
- (b) it-Taqsima “PFC 1(B): FERTILIZZANT ORGANOMINERALI” hija emendata kif ġej:
  - (i) fil-punt 1(d) is-subpunti (v) u (vi) huma sostitwiti b'dan li ġej:
    - “(v) karbonju organiku ( $C_{org}$ );\*
    - (vi) materja niexfa;\*”;
  - (ii) fil-punt 5, is-subpunt (ca) huwa sostitwit b'dan li ġej:
    - “(ca) fejn il-mikronutrijenti dikjarati jkunu kelati b'aġent(i) kelanti, il-firxa tal-pH li tiggarantixxi stabbiltà aċċettabbli;\*”;
- (c) it-Taqsima “PFC 1(C)(I)(a): FERTILIZZANT INORGANIKU SOLIDU B'MAKRONUTRIJENTI” hija emendata kif ġej:
  - (i) il-punt 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:
    - “2. Il-granulometrija ta' fertilizzant inorganiku solidu b'makronutrijenti għandha tiġi indikata, espressa bħala % skont il-massa tal-prodott li jgħaddi minn għarbiel magħżul minn qabel.\*”;



(ii) il-punt 4 huwa emendat kif ġej:

– is-sentenza introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

“Għall-fertilizzanti inorganiċi solidi b'makronutrijenti miksija, għandu jiġi indikat dan li ġej.”;

– jiddaħħlu l-punti (-a) u (-aa) li ġejjin:

“(-a) l-isem tal-aġenti tal-kisi;

(-aa) il-perċentwal tal-fertilizzant miksi minn kull aġent tal-kisi;\*”;

(iii) fil-punt 8, is-subpunt (ca) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(ca) fejn il-mikronutrijenti dikjarati jkunu kelati b'aġent(i) kelanti, il-firxa tal-pH li tiggarantixxi stabbiltà aċċettabbli;\*”;

(d) it-Taqsima "PFC 1(C)(I)(b): FERTILIZZANT INORGANIKU LIKWIDU B'MAKRONUTRIJENTI" hija emendata kif ġej:

(i) il-punt 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. It-tikketta għandha tindika jekk il-fertilizzant inorganiku likwidu b'makronutrijenti jkunx f'sospensjoni jew f'soluzzjoni.\*”;

(ii) fil-punt 6, is-subpunt (ca) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(ca) fejn il-mikronutrijenti dikjarati jkunu kelati b'aġent(i) kelanti, il-firxa tal-pH li tiggarantixxi stabbiltà aċċettabbli.\*”;

(e) it-Taqsima "PFC 1(C)(II): FERTILIZZANT INORGANIKU B'MIKRONUTRIJENTI" hija emendata kif ġej:

(i) il-punt 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Għall-fertilizzanti inorganiċi b'mikronutrijenti, għandu jiġi indikat dan li ġej:

- il-mikronutrijenti dikjarati elenkati skont l-ismijiet u s-simboli kimiċi tagħhom tal-mikronutrijenti ddikjarati, fl-ordni li ġejja: boron (B), kobalt (Co), ram (Cu), ħadid (Fe), manganiż (Mn), molibdenu (Mo) u żingu (Zn);
- l-ismijiet tal-kontrojoni tagħhom meta l-mikronutrijenti dikjarati jiżdiedu b'mod intenzjonali.\*”;

(ii) il-punt 2a huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2a. Meta l-mikronutrijenti dikjarati jkunu kelati b'aġent(i) kelanti, għandha tiġi indikata l-firxa tal-pH li tiggarantixxi stabbiltà aċċettabbli.\*”;

- (f) fit-Taqsima “PFC 1(C)(II)(a): FERTILIZZANT INORGANIKU SEMPLIĊI B’MIKRONUTRIJENTI”, il-punt 1 huwa sostitwit b’dan li ġej:
- “1. It-tikketta għandha tindika t-tipoloġija rilevanti, kif stipulat fit-tabella taħt PFC 1(C)(II)(a) fil-Parti II tal-Anness I.\*”;
- (g) fit-Taqsima “PFC 2: MATERJAL GĦAT-TRATTAMENT BIL-ĠIR”, il-ħames inċiż huwa sostitwit b’dan li ġej:
- “reattività u metodu ta’ determinazzjoni tar-reattività, ħlief għal ossidu u idrossidu tal-ġir.\*”;
- (h) it-Taqsima “PFC 3(A): TEJJIEB ORGANIKU TAL-ĦAMRIJA” hija emendata kif ġej:
- (i) l-ewwel inċiż huwa sostitwit b’dan li ġej:
- “pH;.\*”;
- (ii) il-ħames inċiż huwa sostitwit b’dan li ġej:
- “il-proporzjon ta’ karbonju organiku għal nitroġenu totali ( $C_{org}/N$ )..\*”;
- (i) it-Taqsima “PFC 4: MATERJAL GĦAT-TKABBIR” hija emendata kif ġej:
- (i) it-tieni inċiż huwa sostitwit b’dan li ġej:
- “– pH;.\*”;

(ii) ir-raba', il-ħames, is-sitt u s-seba' inċiżi huma sostitwiti b'dan li ġej:

- “nitroġenu (N) li jista' jiġi estratt permezz ta'  $\text{CaCl}_2/\text{DTPA}$  (klorur tal-kalċju/ aċidu dietilenetriumminapentaacetiku; “CAT-solubbli”), jekk ikun aktar minn 150 mg/l;\*
- pentossidu tal-fosforu ( $\text{P}_2\text{O}_5$ ) li jista' jiġi estratt permezz ta'  $\text{CaCl}_2/\text{DTPA}$  (klorur tal-kalċju/ aċidu dietilenetriumminapentaacetiku; “CAT-solubbli”), jekk ikun aktar minn 20 mg/l;\*
- ossidu tal-potassju ( $\text{K}_2\text{O}$ ) li jista' jiġi estratt permezz ta'  $\text{CaCl}_2/\text{DTPA}$  (klorur tal-kalċju/ aċidu dietilenetriumminapentaacetiku; “CAT-solubbli”), jekk ikun aktar minn 150 mg/l;\*
- data tal-produzzjoni.\*”;

(j) it-Taqsima “PFC 5: INIBITUR” hija sostitwita b'dan li ġej:

“PFC 5: INIBITUR

1. L-ingredjenti kollha għandhom jiġu dikjarati skont il-piż jew il-volum tal-prodott f'ordni dekrexxenti ta' kobor.\*
2. Il-kontenut tal-kompost(i) inibitur(i), espress bħala % skont il-massa jew il-volum għandu jiġi dikjarat.\*

3. L-istruzzjonijiet għall-użu msemmija fil-punt 1(da) tal-Parti I ta' dan l-Anness għandu jkun fihom informazzjoni dwar:
- (a) it-tipi ta' prodotti fertilizzanti tal-UE li magħhom jista' jitħallat l-inibitur\*, b'mod partikolari:
- (i) għall-inibitur tan-nitrifikazzjoni msemmi fil-PFC 5(A) fil-Parti II tal-Anness I, prodott fertilizzanti tal-UE li fih mill-inqas 50 % tal-kontenut totali tan-nitroġenu (N) jikkonsisti minn nitroġenu (N) f'forma ta' ammonju ( $\text{NH}_4^+$ ) u ta' urea ( $\text{CH}_4\text{N}_2\text{O}$ );\*
- (ii) għall-inibitur tal-urea msemmi fil-PFC 5(C) fil-Parti II tal-Anness I, prodott fertilizzanti tal-UE li fih mill-inqas 50 % tal-kontenut totali tan-nitroġenu (N) jikkonsisti minn nitroġenu (N) f'forma ta' urea ( $\text{CH}_4\text{N}_2\text{O}$ );\*
- (b) il-konċentrazzjoni minima u massima rakkomandata tal-kompost(i) inibitur(i) meta mħallta ma' fertilizzant qabel l-użu tiegħu:
- (i) għall-inibitur tan-nitrifikazzjoni msemmi fil-PFC 5(A) fil-Parti II tal-Anness I, espress bħala % skont il-massa tan-nitroġenu (N) totali preżenti bħala nitroġenu tal-ammonju ( $\text{NH}_4^+$ ) u nitroġenu tal-urea ( $\text{CH}_4\text{N}_2\text{O}$ );
- (ii) għall-inibitur tad-denitrifikazzjoni msemmi fil-PFC 5(B) fil-Parti II tal-Anness I, espress bħala % skont il-massa tan-nitrat ( $\text{NO}_3^-$ ) preżenti;

(iii) għall-inibitur tal-ureażi msemmi fil-PFC 5(C) fil-Parti II tal-Anness I, espress bħala % skont il-massa tan-nitroġenu (N) totali preżenti bħala nitroġenu tal-urea ( $\text{CH}_4\text{N}_2\text{O}$ ).”;

(k) it-Taqsima “PFC 6: BIJOSTIMULANT TAL-PJANTI” hija sostitwita b’dan li ġej:

“PFC 6: BIJOSTIMULANT TAL-PJANTI

Għandha tingħata l-informazzjoni li ġejja:

- (a) il-forma fiżika;
- (b) id-data ta’ produzzjoni;\*;
- (c) id-data ta’ skadenza;
- (d) il-metodu/i ta’ applikazzjoni;\*;
- (e) l-effett dikjarat għal kull pjanta fil-mira;\* u
- (f) kwalunkwe struzzjoni rilevanti marbuta mal-effikaċja tal-prodott, inkluż prattiki ta’ ġestjoni tal-ħamrija, fertilizzazzjoni kimika, inkompatibbiltà ma’ prodotti ta’ protezzjoni tal-pjanti, id-daqsijiet rakkomandati taż-żennuna tal-isprejer, pressjoni tal-isprejer u miżuri oħra kontra d-deriva.\*”;

- (l) fit-Taqsima “PFC 7: TAĦLITA TA’ PRODOTTI FERTILIZZANTI”, it-tieni paragrafu huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Meta t-taħlita ta’ prodotti fertilizzanti jkun fiha bijostimulant wieħed jew aktar tal-pjanti li jappartjeni għal PFC 6, il-konċentrazzjoni ta’ kull bijostimulant tal-pjanti fit-taħlita għandha tiġi indikata fi g/kg jew g/l f’20°C.\*”.

---

## ANNESS II

Il-Parti II tal-Anness IV tar-Regolament (UE) 2019/1009 hija emendata kif ġej:

(1) fit-Taqsima “MODULU A – KONTROLL INTERN TAL-PRODUZZJONI”, il-punt 2.2. huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (c) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(c) id-dikjarazzjonijiet ta’ konformità tal-UE għall-prodotti fertilizzanti komponenti tal-UE tat-taħlita tal-prodott fertilizzanti u kampjun tat-tikketta fiżika jew tal-fuljett f’konformità mal-Artikolu 11a u, jekk l-informazzjoni tingħata biss fuq tikketta diġitali f’konformità ma’ dak l-Artikolu, kampjun tal-mezz ta’ *data* tal-prodotti fertilizzanti komponenti tal-UE”;

(b) il-punt (e) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(e) kampjun tat-tikketta fiżika jew tal-fuljett imsemmija fl-Artikolu 11a li jagħti l-informazzjoni meħtieġa f’konformità mal-Anness III u, jekk l-informazzjoni tingħata biss fuq tikketta diġitali f’konformità ma’ dak l-Artikolu, kampjun tal-mezz ta’ *data*,”;



(2) fit-Taqsima “MODULU A1 – KONTROLL INTERN TAL-PRODUZZJONI KIF UKOLL ITTESTJAR TAL-PRODOTT TAĦT SUPERVIŻJONI”, il-punt 2.2. huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (c) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(c) id-dikjarazzjonijiet ta’ konformità tal-UE għall-prodotti fertilizzanti komponenti tal-UE tat-taħlita tal-prodott fertilizzanti u kampjun tat-tikketta fiżika jew tal-fuljett f’konformità mal-Artikolu 11a u, jekk l-informazzjoni tingħata biss fuq tikketta diġitali f’konformità ma’ dak l-Artikolu, kampjun tal-mezz ta’ *data* tal-prodotti fertilizzanti komponenti tal-UE,”;

(b) il-punt (e) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(e) kampjun tat-tikketta fiżika jew tal-fuljett imsemmija fl-Artikolu 11a li jagħti l-informazzjoni meħtieġa f’konformità mal-Anness III u, jekk l-informazzjoni tingħata biss fuq tikketta diġitali f’konformità ma’ dak l-Artikolu, kampjun tal-mezz ta’ *data*,”;

(3) fit-Taqsima “MODULU B – EŻAMI TAT-TIP TAL-UE”, il-punt 2.2 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (c) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(c) id-dikjarazzjonijiet ta’ konformità tal-UE għall-prodotti fertilizzanti komponenti tal-UE tat-taħlita tal-prodott fertilizzanti u kampjun tat-tikketta fiżika jew tal-fuljett f’konformità mal-Artikolu 11a u, jekk l-informazzjoni tingħata biss fuq tikketta diġitali f’konformità ma’ dak l-Artikolu, kampjun tal-mezz ta’ *data* tal-prodotti fertilizzanti komponenti tal-UE,”;

(b) il-punt (e) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(e) kampjun tat-tikketta fiżika jew tal-fuljett imsemmija fl-Artikolu 11a li jagħti l-informazzjoni meħtieġa f’konformità mal-Anness III u, jekk l-informazzjoni tingħata biss fuq tikketta diġitali f’konformità ma’ dak l-Artikolu, kampjun tal-mezz ta’ *data*,”;

(4) fit-Taqsima “MODULU D1 – ASSIGURAZZJONI TAL-KWALITÀ TAL-PROĊESS TA’ PRODUZZJONI”, il-punt 2.2. huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (c) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(c) id-dikjarazzjonijiet ta’ konformità tal-UE għall-prodotti fertilizzanti komponenti tal-UE tat-taħlita tal-prodott fertilizzanti u kampjun tat-tikketta fiżika jew tal-fuljett f’konformità mal-Artikolu 11a u, jekk l-informazzjoni tingħata biss fuq tikketta diġitali f’konformità ma’ dak l-Artikolu, kampjun tal-mezz ta’ *data* tal-prodotti fertilizzanti komponenti tal-UE,”;

(b) il-punt (e) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(e) kampjun tat-tikketta fiżika jew tal-fuljett imsemmija fl-Artikolu 11a li jagħtu l-informazzjoni meħtieġa f’konformità mal-Anness III u jekk l-informazzjoni tingħata biss fuq it-tikketta diġitali f’konformità ma’ dak l-Artikolu, kampjun tal-mezz ta’ *data*,”.

---